# L-ISTATWA TA' SAN ĠUŻEPP

## f'għeluq il-25 sena mill-wasla tal-Bradella l-Ġdida u f'għeluq il-50 sena mill-induratura ta' l-istatwa

*Kitba ta' Carmen Lia B.Ed.(Hons.), B.A.*

Sinjal ta' festa f'Ħal Kirkop f'ġieħ San Ġużepp, tidher sa mill-1684. Kienet festa skond l-istil ta' dak iż-żmien, mingħajr purċissjonijiet bil-banda u mingħajr logħob tan-nar. Il-festa, id-devozzjoni u l-purċissjoni solenni kif nafuha llum f'ġieħ San Ġużepp, bdiet fit-tieni nofs tas-seklu dsatax meta bħala Kappillan ta' Ħal Kirkop laħaq Dun Ġużepp Barbara D.D. (1839-1932), imlaqqam iċ-"Ċenaklu"[1] jew kif kien magħruf fl-aħħar żmien ta' ħajtu bħala "Il-Kappillan ix-Xiħ"[2]. Għall-bidu li sar qassis kien iservi fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq, iżda mbagħad fl-1876 l-Arċisqof ta' Malta Mons. Carmelo Scicluna taħ il-pussess bħala l-ħmistax-il Kappillan ta' Ħal Kirkop (1876-1932), fl-età ta' 37 sena. Dun Ġużepp Barbara kien devot kbir ta' San Ġużepp li tiegħu kien iġib ismu, hekk li ried jibda jagħmillu festa. Ta' min isemmi wkoll li dan il-Kappillan kien ġej minn Ħal Għaxaq, raħal fejn kien diġà jeżisti l-partit sekondarju ta' San Ġużepp.

Bejn l-1850 u l-1900, id-devozzjoni lejn San Ġużepp kienet qawwija ħafna f'Malta. San Ġużepp, il-patrun tal-ħaddiema, tpoġġa bħala Patrun tal-Knisja Universali. Ħarġet l-idea illi l-organizzazzjoni ta' ħaddiema tista' tkun ukoll grupp li bħala kult tiegħu jkollu lil San Ġużepp. Il-popolarità ta' San Ġużepp bħala simbolu reliġjuż għall-ħaddiema kibret għaliex wara l-1850 f'Malta twaqqfu erba' fratellanzi ġodda f'ġieħ San Ġużepp; sar il-patrun ta' tliet parroċċi ġodda u l-patrun sekondarju ta' erba' oħra; żewġ parroċċi oħra wkoll kellhom partiti sekondarji tal-festa ta' San Ġużepp bħala l-Qaddis onorat iżda dawn tkissru wara l-1935.

F'Ħal Kirkop, id-devozzjoni lejn San Ġużepp inżergħet fit-tieni nofs tas-seklu dsatax iżda kompliet tikber u tissaħħaħ matul iż-żmien. Bil-ħidma tal-fratelli fl-1886 infetaħ Każin magħruf bħala ta' San Ġużepp. Il-laqgħat tal-fratelli kienu fuq suġġetti tal-knisja u kienu jieħdu ħsieb il-festi ta' ġewwa ta' San Ġużepp. Aktar tard, inkera post fi Piazza Maggiore u sar l-ewwel Każin soċjali tal-Ġużeppini Koppin u kien jieħu ħsieb il-festa esterna. Fl-1920, il-Każin ta' San Ġużepp kien għadu jinsab f'numru 4 fi Piazza Maggiore u l-President kien is-Sur Spiridione Bartolo. Kien patronizzat minn ħaddiema ta' l-id u fil-Każin kien isir bejgħ ta' xorb alkoħoliku.[3]

## Il-Festa u l-Istatwa ta' San Ġużepp – tinbidel il-Bradella l-Qadima fl-1975

Għaldaqstant f'Ħal Kirkop, fl-10 ta' Ġunju 1878 Dun Ġużepp Barbara waqqaf Konfraternità ġdida. L-Arċisqof Mons. Carmelo Scicluna fl-10 ta' Ġunju 1878 approva l-erezzjoni tal-Fratellanza u l-istatuti tagħha. F'Ottubru ta' l-istess sena, kienet iċċelebrata l-ewwel festa solenni kif ukoll organizzata f'ġieħ San Ġużepp. Dun Ġużepp kien iħobbha wisq lil din il-festa – intefa' b'ruħu u ġismu mal-festa ta' San Ġużepp u għal ħafna żmien il-festa ta' San Ġużepp kienet magħrufa bħala l-*"festa tal-Kappillan"*[4], peress li Dun Ġużepp kien hu stess joħroġ ħafna mill-finanzi biex issir il-festa.

L-Istatwa ta' San Ġużepp saret fl-1884 bil-ħila u l-ħidma ta' l-istess Kappillan Barbara, statwa artistika. Il-vara preżenti hija kompożizzjoni ta' kartapesta u ġibs. Fuq l-id il-leminija tax-xbieha ta' San Ġużepp, insibu l-Bambin b'rasu mmejla għal fuq l-ispalla ta' Missieru. F'id l-oħra ta' l-ixbieha ta' San Ġużepp insibu bastun b'giljuwa, magħmul mill-fidda. F'ras il-Bambin u San Ġużepp hemm diademi tal-fidda.[5] Il-bradella ta' l-1884 kienet magħmula minn injam aħmar fil-parti t'isfel tagħha u minn injam tat-tip *monogano* fil-parti ta' fuq. Il-benefattur ta' din l-Istatwa kien il-Furjaniż, is-Sur Giuseppe Agius, li kien ħallas għal din l-istatwa bħala radd il-ħajr lil Alla għall-grazzja kbira li qala' bl-interċessjoni ta' San Ġużepp. L-istatwa nġabet minn Franza biex ħadet post vara oħra żgħira ta'



Il-bradella l-ġdida li saret 25 sena ilu mill-mastrudaxxa Ġużeppi Galea.

San Ġużepp li ġiet imbagħad mogħtija lill-Knisja ta' Loretu, il-Gudja fl-1926.

Il-bradella kienet waħda sempliċi, biċċa kaxxa kwadra. Meta għadda ħafna żmien il-bradella oriġinali qdiemet u kien hemm bżonn li tinbidel. Għal diversi snin, l-istatwa kienet tintrama fuq par strippi mdawra b'biċċa drapp skura. Il-kwistjoni tal-bdil tal-bradella tqajmet sa minn qabel l-1959 għax xi fratelli kienu ilhom jiddiskutu biex jiġbru u jagħmlu bradella ġdida. Inqalgħu xi ntoppi, fosthom dik li xi partitarji tal-festa titulari ta' San Anard ma ridux jaċċettaw li l-bradella tinbidel. Għalhekk waqaf kollox.



Il-faċċata bl-arma tal-knisja li tagħha San Ġużepp huwa patrun, merfugħa fil-pjazza.

Xi żmien wara, l-Isqof iddeċieda mod ieħor. F'Seduta Ġenerali li kienet saret f'Ottubru tas-sena 1959 għall-Konfratelli ta' San Ġużepp, taħt il-presidenza tal-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Pawl Pace S.Th.L., reġgħet tqanqlet il-kwistjoni ta' bradella xierqa għal taħt il-vara mill-fratell Giuseppe Bonnici. Il-Kappillan Dun Pawl Pace fl-istess laqgħa stqarr li l-bradella kellha tkun waħda b'disinn sempliċi peress li kif qal hu "din il-bradella hija maħsuba għall-festa sekondarja u għalhekk ma għandiex tissorpassa l-bradella tat-titular".[6] Fl-istess Seduta, Giuseppe Bonnici kien qal li d-disinn tal-bradella kien diġà tlesta u kien għand l-iskultur Ġużeppi Buhagiar, l-istess wieħed li għamel il-bradella tat-titular u lilu kienu ngħataw istruzzjonijiet biex jillimita ruħu f'anqas lussu mid-disinn ta' din il-bradella.

Minn hawn 'il quddiem bdew taħdidiet u korrispondenza bejn il-Kurja Arċiveskovili u l-Fratellanza ta' San Ġużepp b'Salvu Spiteri, Prokuratur u Giuseppe Bonnici (Birqni) viċi tiegħu. Kien sottomess id-disinn li sar għall-bradella l-ġdida lill-Kurja.

Sa l-1963 il-kwistjoni tal-bradella kienet għadha lura. Id-disinn wisq sempliċi u vojt ma għoġobx lill-partitarji tal-festa ta' San Ġużepp li riedu disinn isbaħ. F'Seduta Ġenerali f'Novembru 1963, il-fratell Giuseppe Bonnici reġa' qajjem il-kwistjoni tad-disinn tal-bradella li kien sempliċi żżejjed. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Theuma kien wieġbu li forsi 'l quddiem tiżdied xi ħaġa oħra biex issebbaħ iżjed il-bradella peress li kienet ħadet wisq forma ta' kaxxa, bla ebda biċċa skultura u għalhekk ma kenitx sura ta' nies.[7]

Reġa' għadda ż-żmien u ma sar xejn. Iż-żmien itul u n-nies taqta' qalbha. Għall-aħħar tas-sittinijiet, reġa' twieled il-kuraġġ u l-biċċa xogħol tal-bradella ħadha f'idejh is-Segretarju tal-Każin Ġużeppi Falzon (l-Isplott) li ma tantx kien jaqta' qalbu malajr. Kien bil-ħidma konsistenti tiegħu u ta' oħrajn, fosthom ta' Ġużeppi Bonnici (il-Birqni), Ġużeppi Falzon (il-Basla) u Toni Theuma (ta' Żaċċa) li mbagħad seħħet ix-xewqa ta' kulħadd, wara li għaddew iżjed minn erbatax-il sena.



Il-faċċata ewlenija tal-bradella fuq iz-zuntier qabel iddaħħlet għall-ewwel darba fil-Parroċċa fost iċ-ċapċip tal-Ġużeppini.



Partitarji jġorru l-parti ta' fuq tal-bradella fuq spallejhom, hekk kif waslet ir-raħal.

Il-permess ingħata mill-Kurja Arċiveskovili b'Digriet iffirmat mill-Isqof Emmanuel Gerada fid-19 ta' Ġunju 1973. Hekk kif ħareġ dan il-permess, il-partitarji bdew jiġbru l-flus mingħand il-partitarji. L-emigranti Koppin ma nsewx lil raħal twelidhom u taw kontribut siewi tagħhom ukoll. B'hekk il-flus inġabru f'kemm trodd salib u l-ħolma twettqet f'qasir żmien.

Intgħażel id-disinn ta' Manwel Buhagiar. Ix-xogħol kien imbagħad esegwit mill-imgħallem Ġużeppi Galea, diġà magħruf għal diversi xogħlijiet artistiċi mxerrdin fil-Knejjes ta' Malta, fosthom l-altar mejda ta' Ħal Kirkop, l-ambone u s-sedja. Ix-xogħol ta' l-iskultura sar minn Salvu Bugeja taż-Żurrieq, magħruf biżżejjed f'dan il-qasam.

Il-bradella waslet Ħal Kirkop il-Ħadd, 27 ta' April 1975, ġurnata storika għall-Koppin Ġużeppini. Dakinhar ħabat ukoll jum il-ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa. Bosta partitarji telqu sa minn kmieni Ħal Luqa biex jammiraw dak li tant kienu tħabtu għalih. Il-bradella tgħabbiet fi trakk u l-partitarji kollha bil-karozzi ffurmaw *carcade* li ntemm fil-Pjazza tal-Knisja. Kif waslu l-pjazza, sabu tistennihom il-Banda tal-Każin u ġemgħa kbira ta' partitarji, allura wieħed jista' jaħseb il-briju li sar issa li xewqa kbira bħal dik kienet saret realtà.

## Induratura ta' l-Istatwa fl-1950

Fis-sena 1950 saret l-induratura ta' l-istatwa minn Lorenzo Gatt tal-Birgu. Il-ġbir għall-induratura sar mid-devoti Ġużeppini Koppin fosthom partitarji kbar bħal Toni Theuma (ta' Żaċċa) u Pawlu Debono (taċ-Ċenaklu). L-Istatwa ttieħdet il-Birgu lejn l-aħħar ġimgħa ta' Mejju 1949 wara li kienet saret il-festa fl-ewwel Ħadd ta' Mejju. Fl-istess okkażjoni kienu ttieħdu l-istatwi tal-Papiet Piju IX u Ljun XIII, li jintramaw fuq iz-zuntier, biex isirilhom restawr wara l-ħerba tal-gwerra. Uħud mill-partitarji kienu jinżlu l-Birgu biex jaraw kif inhu miexi x-xogħol. L-Istatwa ttieħdet lura mill-Birgu għal nofs April 1950. Biex inġabet l-Istatwa intuża trakk li wassalha proprjetà ta' Nazzareno Attard. Għal ħabta ta' l-4.30 ta' wara nofs in-nhar, l-Istatwa tniżżlet Triq Valletta, Ħal Kirkop, ftit 'il bogħod mill-Menħir. Hemmhekk kien hemm ġemgħa kbira ta' nies jistennew il-wasla ta' l-Istatwa. L-istatwa tpoġġiet fuq il-pedestall. Peress li l-partitarji rġiel kollha riedu jerfgħu, ir-reffiegħa tbiddlu kemm-il darba u nbeda marċ fost iċ-ċapċip kbir tan-nies. Kien hemm l-akkumpanjament tal-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Għaxaq li nqalgħet għal dak is-servizz mill-Każin San Ġużepp ta' Ħal Kirkop. L-istatwa għaddiet minn diversi toroq fosthom Triq Valletta, il-Kbira, San Leonardu, San Benedettu, il-Parroċċa u l-Pjazza tal-Knisja u kien kważi dalam meta l-Istatwa tqiegħdet fuq iz-zuntier u tbierket mill-Kappillan Dun Mikel Spiteri. Kif iddaħħlet fil-Knisja, l-Istatwa tpoġġiet fuq il-bradella l-antika u tħalliet armata sal-festa. Għal din l-okkażjoni kienu nħadmu madwar 40,000 bomba li kienu mqassma f'musketterija. Dawn inħarqu minn fuq il-bjut tal-partitarji meta għaddiet l-istatwa. Dawn il-bombi nħadmu minn Albert Cachia (tal-Giżija) u Ġanni Theuma (ta' Żaċċa) fost l-oħrajn. Fil-jiem ta' wara, l-istatwa tpoġġitilha biċċa drapp skura warajha, inqala' fotografu u ġibed ritratt ta' tifkira; liema ritratt jidher f'paġna 91.[8]



L-istatwa ta' San Ġużepp bl-induratura ta' 50 sena ilu kif kienet għadha fil-bidu tas-snin tmenin.

[1] Il-laqam "Ċenaklu" għadu jinsab f'Ħal Kirkop għax ingħata lil waħda mis-sefturi ta' Dun Ġużepp li kienet Vincenza Debono u damet taħdem miegħu sa ma miet fl-1932.

[2] Huwa dam Kappillan ta' Ħal Kirkop mill-1876 sa l-1932, jiġifieri parrokat twil ferm ta' 56 sena. Huwa miet fis-17 ta' Jannar 1932. Kien benefattur kbir tal-fratellanza San Ġużepp.

[3] LGO 5413/1920 Lista ta' Każini reġistrati fl-1920.

[4] Malta Tagħna, 19 ta' Awissu 1905.

[5] *"Una Statua portatile di S. Giusepe portante sul braccio destro il Bambino e colla mano sinistra tenente in bastone con giglio, l'uno e l'altro d'argento, aventi essi e il Bambino su testa un diadema d'argento."*

[6] Seduta Ġenerali li saret il-Ħadd 11 ta' Ottubru 1959 fl-10.00 a.m. fil-Knisja Parrokkjali ta' u Matriċi ta' Ħal Kirkop għall-Konfratelli tal-Konfraternità ta' San Ġużepp. Libro Consulte Confraternità di San Giuseppe di Casal Chercop. Salvatore Spiteri Segretario 3 novembre 1963.

[7] Seduta Ġenerali li saret il-Ħadd 6 ta' Novembru 1963 fil-Knisja għall-Konfratelli tal-Konfraternità ta' San Ġużepp. Ibid.

[8] Informazzjoni mogħtija minn Angelo Schembri u Angelo Theuma.